

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Etablissement national des produits de l'agriculture et de la mer (FranceAgriMer)

Konvenuta: Société Sodiaal International

**Dispożittiv**

Ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 2988/95, tat-18 ta' Diċembru 1995, dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-preskrizzjoni li huwa jipprovdi tapplika mhux biss għal proċeduri legali kontra irregolaritajiet li jagħtu lok għall-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi fis-sens tal-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament, iżda wkoll għall-proċeduri legali li jagħtu lok għall-adozzjoni ta' miżuri amministrattivi, fis-sens tal-Artikolu 4 tal-imsemmi regolament.

<sup>(1)</sup> ĠU C 361, 13.10.2014.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-2 ta' Settembru 2015 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Cour administrative d'appel de Versailles – Franza) – Groupe Steria SCA vs Ministère des finances et des comptes publics**

(Kawża C-386/14) <sup>(1)</sup>

[Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Leġiżlazzjoni fiskali — Libertà ta' stabbiliment — Direttiva 90/435/KEE — Artikolu 4(2) — Tqassim transkonfinali ta' dividendi — Taxxa fuq il-kumpanniji — Tassazzjoni ta' gruppi (l-“intégration fiscale” Franċiża) — Eżenzjoni ta' dividendi mħallsa mis-sussidjarji li jappartjenu lill-grupp fiskali integrat — Kundizzjoni ta' residenza — Dividendi mħallsa minn kumpanniji sussidjarji mhux residenti — Spejjeż marbuta mal-parteċipazzjoni li ma jistgħux jitnaqqsu]

(2015/C 354/12)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Qorti tar-rinviju**

Cour administrative d'appel de Versailles

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Groupe Steria SCA

Konvenut: Ministère des finances et des comptes publics

**Dispożittiv**

L-Artikolu 49 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru dwar sistema ta' integrazzjoni fiskali li tipprovdi li kumpannija parent li tintegra l-benefiċċju tan-newtralizzazzjoni tar-reintegrizzjoni ta' proporzjon tal-ispejjeż stabbilit bir-rata fissa ta' 5 % tal-ammont nett tad-dividendi li din tirċievi mill-kumpanniji residenti li jagħmlu parti mill-integrizzjoni, filwaqt li, skont din il-leġiżlazzjoni, din in-newtralizzazzjoni hija rrifjutata lil tali kumpannija parent fir-rigward tad-dividendi mqassma lilha mis-sussidjarji tagħha li jinsabu fi Stat Membru ieħor li, li kieku kienu residenti, kienu jkunu oġġettivament eliġibbli hemmhekk, fuq talba tagħhom.

<sup>(1)</sup> ĠU C ##, ##.